MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 38/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fis-17:47 |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Dr. Alex Sciberras<br>Sur Maurice Agius (M Agius)<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea |
| | Skużati | Sur Matthew Agius<br>Sur Alan Abela Wadge |
| | Chairman KAS | Sur Matthew Mangion 18:27 |
| | Ambaxxatur Vot 16 | Sur Mark Aquilina |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sur Christopher Cutajar |

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

Is-Sur Alan Abela Wadge u s-Sur Matthew Agius talbu li jkunu skużati minħabba raġunijiet ta' safar, permezz ta' 'DOK A' anness. Il-Kunsillieri preżenti laqgħu t-talbiet tagħhom.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

1749 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 37/K7/2015 hekk kif emendati, imtella' nhar is-27 ta' Ottubru 2015. Is-Sur M Agius issekondaha. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**2. Materji mill-Minuti**

1750 B'referenza għal 1723. Is-Sur C Selvaggi rringrazzja lis-Sur E Brincat tal-impenn tiegħu fir-rigward tal-proġett fi Triq Indri Grima..

1751 B'referenza għal 1725. Is-Sur C Selvaggi rringrazzja lis-Sur E Brincat talli qiegħed jikkordina sabiex issir il-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar l-għargħar fi proprjetajiet fi Triq il-Ġostra.

1752 B'referenza għal 1727. Is-Sur C Selvaggi rringrazzja lis-Sindku talli kisbet konferma li Triq Balliju Gutenberg tinsab f'Birkirkara.

1753 B'referenza għal 1728. Is-Sur E Brincat qal li fir-rigward ta' xogħolijiet relatati ma' nuqqasijiet fil-Bus Lane ta' Triq ix-Xatt tal-Imsida, qed ikompli jagħmel pressjoni minkejja li mhux isib il- koperazzjoni mixtieqa.

1754 B'referenza għal 1729. Is-Sur C Selvaggi saqsa kienx hemm żviluppi dwar iċ-ċaqliq tal-*pedestrian crossing* fejn l-Għassa tal-Pulizija. Is-Segretarju wieġeb li bħalissa dan ix-xogħol inżamm minn Transport Malta minħabba xogħol ieħor relatat maċ-CHOGM. Is-Segretarju ssuġġerixxa li fil-mument li tiċċaqlaq iktar 'l fuq, din issir adekwata għal persuni neqsin mid-dawl. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sur Selvaggi talab ukoll kopja ta' korrispondenza dwar *pedestrian crossing* fi Triq il-Wied.

1755 B'referenza għal 1731. Is-Sur E Brincat qal li ġew mitkellma l-għaqdiet studenteski involuti u l-għaqdiet ikkollaboraw.

1756 B'referenza għal 1732. Is-Sur C Selvaggi saqsa xi żviluppi kien hemm dwar l-organizzazzjoni ta' kosijiet tal-First Aid. Is-Sindku wieġbet li l-lista tal-organizzazzjonijiet se tkun qed tgħaddiha lis-Segretarju.

1757 B'referenza għal 1737. Il-Viċi Sindku xtaq jagħmel kjarifika dwar il-kwestjoni tat-tnaqqis tal-ġbir tal-borża l-ħadra għal jum wieħed fil-ġimgħa. Huwa spjega li qatt ma kien taha l-impressjoni li ingħatat garanzija li l-ammont ta' ġbir ta' skart riċiklabbli se jkun qed jiżdied ġaladarba jitnaqqas jum ta' ġbir ta' skart riċiklabbli. Żied jgħid li kien il-kuntrattur li seta' ta tali garanzija. Is-Sur Selvaggi qal li dak li ntqal fl-aħħar laqgħa kien intenzjonat biex tkun indirizzata l-problema. Is-Sur M Agius qal li jidher li hemm sinjali li l-ġabra ta' skart riċiklat qed tkun irkuprata. Is-Segretarju spjega l-frekwenza tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli mill-*Bring in Sites* kif inhuwa pjanat li jsir bil-ftehim ġdid li ntlaħaq bejn il-Green Pak u l-kolletur in kwestjoni.

1758 B'referenza għal 1744 li kienet titratta *yellow box junction* f'salib it-toroq bejn Triq C De Brockdorff u Triq l-Isqof Caruana, is-Segretarju ntalab iġib kwotazzjoni minn għand B.Grima & Sons. Is-Sur C Selvaggi ssuġġerixxa stallazzjoni ta' *camera* fl-akwata sabiex jitnaqqas l-abbuż.

1759 B'referenza għal 1747. Is-Sur C Selvaggi qal li l-komunikazzjoni li kellha ssir ma' *Lino Spiteri Foundation* saret, fir-rigward ta' modifiki fejn il-bankina u marki taż-żebgħa fit-triq adjaċenti għall-iskola in kwestjoni.

Is-Sur M Mangion daħal fil-kamra fis-18:27.

Is-Sur E Brincat ħareġ mill-kamra fis-18:28.

## 3. Korrispondenza

1760 Fir-rigward ta' korrispondenza li ġġib ir-referenza 41/1615/15 – Il-Viċi Sindku qara l-korrispondenza in kwestjoni (Annessa bħala 'DOK B').

Is-Sur E Brincat daħal lura fis-18:30.

Il-Viċi Sindku qal li m'huwiex ġust li r-residenti jkomplu jsofru inkonvenjenzi kawża tat-traffiku li ilu eżistenti fil-lokalita'. Il-Viċi Sindku qal li r-residenti m'għandhomx isofru inkonvenjent sproporzjonat. Il-Kunsillieri preżenti ma qablux dwar din il-proposta bl-aktar mod assolut. Is-Segretarju ġie mitlub li jwieġeb għal din il-korrispondenza fis-sens li r-residenti għandhom jiġu mogħtija skema tal-parkeġġ.

1761 F'laqgħa li kienet saret mas-Sur J Piscopo CEO Transport Malta kien intqal li jeħtieġ li l-Kunsill ikun mistieden għal laqgħa qabel ma jinbeda l-proġett tal-Kappara *Junction*. Għandha tinkiteb korrispondenza uffiċjali lis-Sur Piscopo dwar dan.

1762 Is-Sindku semmiet li dwar l-ispejjeż li kien hemm fir-rigward tal-Berġa, ġie aċċettat li l-ispejjeż kollha li għamel il-Kunsill ikunu rifużi (Ara 'DOK Ċ' anness), u fil-fatt il-Kunsill tħallas

1763 Fir-rigward ta' korrispondenza numerata 41/1505/15/I, is-Sur E Brincat iltaqa' ma' rappreżentant tal-Arjakon. Dan qiegħed jitlob li ssir *un/loading bay* quddiem l-istabbiliment in kwestjoni. Ġie konkluż li kull meta jkollu jħoss il-ħtieġa għandu jitlob għal permess u jkollu l-preżenza tal-Gwardjani Lokali.

1764 Dwar korrispondenza numerata 41/1629/15/I, is-Sur E Brincat tkellem fir-rigward tal-kwestjoni tal-Un/Loading Bay quddiem l-Arkadia li ġja' kienet rifjutata mill-Kunsill. Is-Sur C Selvaggi qal li fil-ħin tas-6am qed ikun hemm vetturi kbar li jieqfu fin-nofs biex iwasslu l-merkanzija, li huma ta' periklu

1765 Is-Sur E Brincat qal li l-Gwardjani Lokali qed ikunu ħdejn il-Kulleġġ Saint Martin's ta' spiss bil-għan li jkun faċilitat il-ħin li fih ikunu ħerġin l-istudenti.

1766 Is-Sur M Mangion qal li l-immaniġġjar tat-traffiku fis-Swatar in-naħa ta' Birkirkara qed ikun ikkunsidrat li jinbidel. Il-Viċi-Sindku talab li kwalunkwe' korrispondenza tkun komunikata lill-Kunsill tal-Imsida.

1767 B'referenza għal 41/1517/15/I relatata mal-Imsida *Promenade Railings* - Ġiet diskussa l-proposta tad-Dipartiment għat-Twettieq ta' Proġetti. Il-Viċi Sindku qal li l-Gvern huwa lest li jipprovdi l-*mano d'opera* u l-Kunsill jipprovdi l-materjal u s-servizz tal-Perit. Il-Kunsill qabel mal-proġett u mad-diżinn propost mid-Dipartiment. Il-Viċi Sindku qal li dwar il-mudell tal-finanzjament għandu jkun esplorat li nħallsu direttament lill-Ministeru.

1768 Is-Sindku spjegat li l-Kunsill innotifika lill-MEPA dwar il-pjattaforma tal-konkos li ħarġu 'l barra l-klabb tal-iMsida St Joseph. Is-Sur C Selvaggi qal li għandha tinkiteb ittra li turi li wara li l-Kunsill ta l-permess biex ikollhom il-faċilita' jagħmlu mwejjed u siġġijiet dawn ma rrispettawx il-kundizzjonijiet magħmulin lilhom. Is-Sur C Selvaggi qal li l-Kunsill ma għandu jagħti ebda sostenn ieħor lill-Klabb sakemm ma tkunx rimedjata s-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel dwar dan

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fis-19:21 u ma rritornax.

Is-Sur E Brincat ħareġ mill-kamra fis-19:21.

1769 Is-Sindku qajmet punt dwar *artwork* li l-Kummissjoni Żgħażagħ Ġużeppini ppubblikaw fir-rigward tat-tqassim tar-rigali. Ġie deċiż li tinkitbilhom korrispondenza li fiha jkunu mitluba sabiex ma jippubblikaw ebda *artworks* mingħajr qabel ma jkun ikkonsultat il-Kunsill u li għandhom jinkludu l-emblema tal-Kunsill, f'dawk il-każi fejn il-Kunsill ikun qed jikkollabora mal-għaqda msemmija.

Is-Sur E Brincat daħal lura fil-kamra fis-19:29.

Is-Sur M Aquilina ħareġ mill-kamra fis-19:30 u ma rritornax.

## 4. Ħlasijiet

1770 Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 24/10/2015 sa 20/11/2015 tiġi approvata. Il-Kunsilliera s-Sra R Galea ssekondatha. L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata unanimament (Ara 'DOK D' anness).

## 5. Komunikazzjoni laqgħat li saru

1771 Is-Sindku spjegat li kellha konverżazzjoni telefonika mar-*Regional Enforcement Officer* sabiex tiltaqa' mal-Uffiċjali tal-LESA. Is-Sindku spjegat kif skont informazzjoni li kisbet sa issa mil-laqgħat tar-Reġjun Ċentru, il-fondi tal-LESA ser ikunu mqassma hekk kif ġej, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-operat: 10% - AKL; 30% - Reġjun; 30% - KL; 30% - Proporzjonati skont in-numru ta' ċitazzjonijiet f'kull lokalita' rispettiva.

1772 Is-Sur M Agius qal li fir-rigward tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani ma jaqbilx li ma jibqax jitlaqqa'. Is-Sur L Bartolo qal li l-problema hija li m'għadx hemm konkorrenza għall-ħarġiet u huwa għal dik ir-raġuni li mhux qed isiru.

## 6. Stimi ta' Toroq

1773 Fir-rigward tal-istimi li kienu annessi mal-aġenda, il-Kunsill qal li għandu jkun hemm *Bill of Quantities* magħha. Is-Sindku qalet li ntalbet laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi fir-rigward ta' xogħolijiet infrastrutturali.

## 7. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

1774 It-talba għal ħlas ta' tyre li nfaqa' fi Triq il-Wied quddiem Domestica Furniture ġiet milqugħa mill-Kunsill.

1775 Is-Sur E Brincat qal li kien tal-GO talbu li jwaħħlu kaxxi fuq il-bini tal-Kunsill. Is-Sur E Brincat qal li talabhom iressqu rikjesta bil-miktub biex tkun diskussa fil-Laqgħa.

1776 Is-Sur C Selvaggi qal li xi residenti talbu lill-Kunsillier sabiex l-iskola tipprovdi parkeġġ lir-residenti. Il-Kunsill iddeċieda li ssir talba lill-iskola biex ikun esplorat hux possibbli.

1777 Is-Sur C Selvaggi qal li kien hemm kummenti dwar skart imħolli fi drive-in fi Triq Sant Antnin. Se jkun qed jintalab is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff dwar dan il-każ.

## 8. Affarijiet oħra

1778 Is-Sur C Selvaggi qajjem il-punt dwar *stages* tas-servizz tat-trasport pubbliku li m'għandhomx *bus shelter.* Dan sabiex ikun hemm ilqugħ mill-elementi.

1779 Is-Sur Lino Bartolo talab rendikont tar-Reserved Bays li tneħħew fis-sena 2014.

1780 Kien hemm qbil li jintremew parti mill-arkivji li jinkludi korrispondenza.

1781 Is-Sur M Agius talab li ssir laqgħa dwar l-andament tax-xogħol relatat mal-Kuntratt tal-Knis.

1782 Is-Sur M Agius qal li meta tkun organizzata ġurnata biex tkun meħuda t-tilqima kontra l-influwenza, għandhom ikunu kkunsidrati nies li matul il-ġurnata jkunu għax-xogħol.

1783 Is-Sra R Galea semmiet li fi Triq il-Kunċizzjoni m'hemmx dwal biżżejjed. Is-Sur E Brincat ser jerġa' jitkellem man-Nexos.

1784 Is-Sra R Galea qalet li fejn 165, Triq il-Kunċizzjoni hemm pavimentar tal-madum li qed jinqala'. Is-Sur E Brincat se jiċċekkja fuq il-post biex jara x'tiswijiet huma meħtieġa.

Is-Sur M Mangion ħareġ mill-kamra fit-20:23.

**9. Aġġornament**

1785 Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-21 ta' Diċembru 2015 fil-17:30.

Tmiem: 20:31 hrs

Minuti approvati llum 21 ta' Diċembru, 2015

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv